

Brussell, 12 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12755/25
ADD 1

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0275 (NLE)**

**AELE 84
ISL 45
N 71
FL 51
MI 643**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 486 annex
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, dwar emenda għall-Anness X (Servizzi b'mod ġenerali), l-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informazzjoni) u l-Protokoll 37 (li fih il- lista prevista fl-Artikolu 101) tal-Ftehim ŻEE (L-Att dwar il-Governanza tad-Data)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 486 final - Annex.

Mehmuż: COM(2025) 486 final - Annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.9.2025
COM(2025) 486 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat
Konġunt taż-ŻEE, dwar emenda għall-Anness X (Servizzi b'mod ġenerali), l-Anness XI
(Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informazzjoni) u l-
Protokoll 37 (li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101) tal-Ftehim ŻEE**

(L-Att dwar il-Governanza tad-Data)

ANNESS

ABBOZZ TA' DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru [...]

ta' [...]

li temenda l-Anness X (Servizzi b'mod ġenerali), l-Anness XI (Komunikazzjoni elettronika, servizzi awdjoviżivi u soċjetà tal-informazzjoni) u l-Protokoll 37 (li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2022/868 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar il-governanza Ewropea tad-data u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (Att dwar il-Governanza tad-Data)¹ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1622 tad-9 ta' Awwissu 2023 dwar id-disinn ta' logos komuni li jidentifikaw lill-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni tad-data u l-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu tad-data rikonoxxuti fl-Unjoni² għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Il-partijiet Kontraenti jirrikonoxxu li t-tikketti "fornitur ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data rikonoxxut fl-Unjoni" u "fornitur ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data rikonoxxut fiż-ŻEE" jistgħu jintużaw b'mod interkambjabbli, bl-istess drittijiet u obbligi assoċjati mal-użu.
- (4) Il-partijiet Kontraenti jirrikonoxxu li t-tikketti "organizzazzjoni tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data rikonoxxuta fl-Unjoni" u "organizzazzjoni tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data rikonoxxuta fiż-ŻEE" jistgħu jintużaw b'mod interkambjabbli, bl-istess drittijiet u obbligi assoċjati mal-użu.
- (5) Il-partijiet Kontraenti jirrikonoxxu wkoll li l-logos komuni stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1622 għandhom ikunu l-istess għall-Partijiet Kontraenti kollha. Ir-referenza għal "Rikonoxxut mill-UE" fil-logos għandha għalhekk tinftiehem bħala "Rikonoxxut miż-ŻEE".
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi X u XI u l-Protokoll 37 tal-Ftehim ŻEE jiġu emendati skont dan,

¹ ĠU L 152, 3.6.2022, p. 1.

² ĠU L 200, 10.8.2023, p. 1.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dan li ġej jiżdied fil-punt 5 (ir-Regolament (KE) Nru 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness X tal-Ftehim ŻEE:

“, kif emendat bi:

- **32022 R 0868:** ir-Regolament (UE) 2022/868 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 1).”

Artikolu 2

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 5k (id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fl-Anness XI tal-Ftehim dwar iż-ŻEE:

- “5ka. **32022 R 0868:** Ir-Regolament (UE) 2022/868 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar il-governanza Ewropea tad-data u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (Att dwar il-Governanza tad-Data) (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 1).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament jinftehimu skont kif adattati hawn taħt:

- (a) Ir-referenzi għad-dritt tal-Unjoni għandhom jinftehimu bħala referenzi għall-Ftehim dwar iż-ŻEE.
- (b) Fl-Artikolu 11(9), jiżdied il-paragrafu li ġej:

“9a. Fir-rigward ta' xi entità rreġistrata fir-reġistru pubbliku nazzjonali ta' fornituri rikonoxxuti ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data ta' Stat tal-EFTA, l-entità tista' tuża t-tikketta ‘fornitur ta' servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data rikonoxxut fiż-ŻEE’.”
- (c) Fl-Artikolu 17(2), jiżdied il-paragrafu li ġej:

“2a. Fir-rigward ta' xi entità rreġistrata fir-reġistru pubbliku nazzjonali ta' organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data ta' xi Stat tal-EFTA, l-entità tista' tuża t-tikketta ‘organizzazzjoni tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data rikonoxxuta fiż-ŻEE’.”
- (d) Fl-Artikolu 24(5) il-kliem “, jew ‘organizzazzjoni tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data rikonoxxuta fiż-ŻEE’, skont il-każ,” għandhom jiddaħħlu wara l-kliem “‘organizzazzjoni tal-altruwiżmu fir-rigward tad-data rikonoxxuta fl-Unjoni’”.
- (e) Fl-Artikolu 29(1) għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“L-Istati tal-EFTA għandhom jipparteċipaw bis-sħiħ fil-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Data, ħlief għad-dritt tal-vot.”

- 5kaa. **32023 R 1622:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1622 tad-9 ta' Awwissu 2023 dwar id-disinn ta' logos komuni li jidentifikaw lill-fornituri tas-servizzi tal-intermedjazzjoni tad-data u l-organizzazzjonijiet tal-altruwiżmu tad-data rikonoxxuti fl-Unjoni (ĠU L 200, 10.8.2023, p. 1).”

Artikolu 3

Il-punt li ġej jiżdied fil-Protokoll 37 tal-Ftehim taż-ŻEE:

“49. Il-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Data (ir-Regolament (UE) 2022/868 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill).”

Artikolu 4

It-testi tar-Regolament (UE) 2022/868 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1622 bil-lingwa İzlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi [...], dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE³*, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 333/2022 tad-9 ta' Diċembru 2022⁴, skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, [...].

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

[...]

Is-Segretarji

Tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

[...]

³ * [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]

⁴ ĠU L